TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 146

KAZ NRU 205

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

David Sammut

u

Villa Rosa Tourist Complex

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 8 ta' Awissu, 1983

Chairman: G A Craig

B'ittra tat-30 ta' Gunju, 1982, il-Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali irrefera lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm zewg seduti li fihom ghall-appellant deher is-Sur Francis Sammut, filwaqt li ghal kumpanija Villa Rosa Tourist Complex deher is-Sur Alfred Galea, Chief Executive ta' l-istess kumpanija.

3. Statements of Case

Ghall-Appellant gie sottomess li David Sammut kien ilu sena u hames xhur jahdem bhala 'wejter' mal-kumpanija ghas-soddisfazzjoni tas-superjuri tieghu. Gie sostnut li tant kellu kondotta tajba li qatt ma gie moghti twissijja, la bil-fomm u inqas bil-kitba, izda billi ix-xoghol fil-lukanda kien naqqas, il-kumpanija riedu isibu skuza teknika (insubordination towards management) biex inaqqsu l-ghadd ta' l-impjegati. L-unika akkuza kontra tieghu setghet kienet li darba meta inqas ma kien ghadu beda x-xoghol kien mar fuqu r-Restaurant Manager u qallu li kien libes hazin ghaliex kien ghadu ma libisx ic-coff u l-anqas kellu l-karta ta' l-identita

imwahhla u dak il-hin gerger minn taht l-ilsien li ga burdata hazina u ghalhekk din ma hix xi nuqqas hekk serju li jimmerita tkeccija. Ghalhekk kien qed jitlob kumpens ghat tul ta' zmien li baqa' bla xoghol.

<u>Ghal kumpanija</u> gie sottomess li l-appellant ma fehemx is-sitwazzjoni difficli ta' dak iz-zmien tal-lukanda u kien juri attitudni negattiva anki wara diversi twissijiet mil-kap tad-dipartiment tieghu u din l-attitudni uriha kemm lejn is-superjuri tieghu kif ukoll fix-xoghol tieghu izda l-incident li wassal ghat-tkeccija ta' l-appellant kien wiehed ta' insubordinazzjoni kbira ghax meta ir-Restaurant Manager gibed l-attenzjoni ta' l-appellant biex jaqta' ftit xaghru, mhabba li kellu xaghru goff u xejn ma kien jaghti dehra ta' igene- haga bzonjuza fejn jidhol is-servizz ta' ikel - l-appellant irrisponda li hu ghax-xoghol kien jigi biex isib it-tfajliet u mhux biex jahdem. Ghalhekk il-Management meta ra din l-attitudni ma kellux triq ohra hlief li jittermina l-impieg ta' l-appellant.

4. Ghall-appellant ma deherux xhieda hlief l-appellant innifsu waqt li ghal kumpanija xehdu is-Sur John Tanti u s-Sur Mario Azzopardi.

5. <u>Xhieda fil-Qosor</u>

L-appellant, David Sammut minn jeddu qal li hadem mal-kumpanija mit-13 ta' Marzu, 1981 sa kemm spicca f'10 ta' Mejju, 1982. Kien jahdem bhala 'wejter' u spicca fuq kif qalulu "insubordination towards manager" u meta staqsa qalulu li kien izomm xaghru twil imhabba t-tfajliet. Hu cahad dan kollu u meta qalulu fuq xaghru hu qatghu.

Fuq kontro ezami cahad li kien imur ghax-xoghol minhabba t-tfajliet kif ukoll li l-kap tieghu kien qatt wissieh verbalment.

<u>Is-Sur John Tanti</u>, ir-Restaurant Manager qal li darba meta dahal fir-restaurant biex jiccekkja il-presenza tal-wejters, hu innota lill-appellant b'xaghru twil u qallu biex jaqtahha u dan wiegbu "Jien hawn nigi ghat-tfajliet, biex jiffanzjawni t-tfajliet" u x-xhud hass li din ma kienitx twegiba u li kellu jirrapurtah lis-superjuri tieghu, wahda ghax ix-xaghar twil hu kontra l-igene f'restaurant u l-ohra kif jiffanzja it-tfajliet. Fuq xaghru kien qallu anki qabel izda verbalment. Fuq xogholu l-appellant kien ghadu bidu izda dak li kien jaf kien jaghtih.

Fuq kontro ezami ix-xhud qal li dik in-nhar ta' l-incident beda jghajjat ma l-appellant ghax kien irrispondih quddiem il-wajters l-ohra u b'hekk ix-xhud hass li l-appellant giebu bhala redikolu.

<u>Is-Sur Mario Azzopardi</u> ix-xhud qal li l-appellant kien jahdem tahtu meta ix-xhud kien responsabbli mill-Cresta Quay - parti mill-Complex. Ix-xhud ma kienx jemmen f'rapporti bil-miktub izda bil-kelma it-tajba biex ma jbezza lil hadd. Iddeskriva lill-appellant bhala "iffissat fzjed mill-average fuq in-nisa" u x-xhud kien jiftahlu ghajnejh u kien dejjem iwissieh u jghidlu biex ma jarax il-hazin ta' haddiehor u da kien qallu bosta drabi. Gieli meta x-xhud mar ghax-xoghol sab xi nies jistennew lill-appellant hemmhekk. Mistoqsi jekk kienx jaf li l-appellant qatx ghamel xi "approach" lit-tfajliet, ix-xhud wiegeb "Obvjament. Niftakar kaz partikolari minnhom li ma kienx wahdu imma kien ma haddiehor, li kien irnexxilhom .......... b'xi sinjali jew haga jew ohra, jaghmlu kuntatt ma zewg tfajliet mil-faccata tal-bajja l-ohra u spiccaw li kienu johorgu maghhom u haga u ohra".

Ix-xhud qal li ilu f'dan ix-xoghol kwazi sbatax il-sena u f'opinjoni tieghu personali l-appellant ghazel sengha li ma kienitx kompatibbli mal-karattru tieghu.

SOTTOMISSJONIJIET FINALI

Ghall appellant gie sottomess li l-appellant kien jaghti xoghol tajjeb kif qal sewwa ix-xhud is-Sur Tanti, ir-Restaurant Manager u l-uniku ilment fuqu kien li kellu xaghru twil u da qatghu. L-appellant cahad li r-rispondieh lis-Sur Tanti izda gerger minn taht l-ilsien. Gie sostnut li bil- miktub qatt ma kien hemm xejn kontra tieghu u dak li ntqal fuqu dwar it-tfajliet hu dejjem kellu tbissima fuq xuftejh meta kien iservi ma kulhadd. Sostna li gie mkecci ghax is-sitwazzjoni fit-turismu ma kienitx tajba.

Ghal-Kumpanija gie sottomess li l-appellant kien impjegat f'zewg ferghat tal-Complex - wahda fil Cresta Quay u l-ohra fir-Restaurant. Ix-xhieda prodotta kienu, il-Manager tal-Cresta Quay, is-Sur Mario Azzopardi u l-Manager tar-Restaurant is-Sur John Tanti. Wiehed qal li kien jipprova jwissieh bil-kelma t-tajba u zied "kont niftahlu ghajnejh izjed bhala habib milli ta' Manager" (pagna 10) u dan "bosta drabi" (pagni 11). Gie sostnut li l-appellant ma riedx jibza ghal postu ghaliex kieku ma kienx ihalli u jistieden il-hbieb jigi jistennewh fuq il-post tax-xoghol u jaghmlu s-sinjali lit-tfajliet. Il-Manager l-iehor qal li meta qal lill-appellant biex jaqtgha xaghru minflok irrispetta lis-superjuri tieghu, dan wiegbu "Jien hawn nigi ghat-tfajliet, biex jiffansjawni it-tfajliet". Din l-attitudni sostniet il-kumpanija ma setghatx tigi tollerata specjalment meta l-industrija tat-Turizmu kienet ghaddejja minn zmienijiet xejn facili u bdew isiru sforzi biex isalvaw; ma kienx veru li l-kumpanija riedet issib skuza biex ikeccu lill-appellant.

Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal

It-Tribunal jiehu dejjem in konsiderazzjoni dak li jirrizulta mill-provi u dak li jisma fuq il-mertu tal-kaz, ikollu wkoll jizen ix-xhieda kollha u jittraskura dak li fil-fehma tat-Tribunal mhux attendibbli. Ix-xhieda f'dan il-kaz kienet skarsa hafna, Parti wahda offrit biss ix-xhieda ta' l-appellant u l-parti l-ohra ix-xhieda ta' zewg ferghat tal-kumpanija. L-appellant qal li l-unika

htija li kellu kienet li kellu xaghru twil u meta l-Manager qallu biex jaqtghu gerger minn taht l-ilsien. Sottometta wkoll li qatt ma kellu twiddiba bil-miktub. It-Tribunal jiehu l-okkazzjoni li jerga jghamila cara li t-tweddib ahjar isir bil-miktub u jirrikmanda li hekk ghandu jkun fl-interess l-izjed tal-Management, izda mhux jigifieri li l-Tribunal meta ikun hemm twaddib bil-fomm ghandu necessarjament jittraskurahom. F'dan il-kaz ghandna xhieda ta' zewg impjegati gholjin tal-kumpanija li t-Tribunal b'ebda mod ma jista' ma jaghtix kaz taghhom.

Lil wiehed mill-Managers, l-appellant irrispondieh hazin hafna meta qallu biex jaqta xaghru ghaliex fir-restaurant ix-xaghar twil ma kienx permess u dan irrispondieh hekk hazin quddiem il-wajters l-ohra fi zmien li x-xoghol tat-Turizmu ma kienx hafif xejn. Is-Sur Mario Azzopardi fix-xhieda tieghu qal "wahda mill-affarijiet li kien ihobb jaghmel David Sammut li kien iffissat izjed mill average fuq in-nisa u kont niftahlu ghajnejh izjed bhala habib milli ta' Manager tieghu". Mistoqsi mit-Tribunal "gieli ghamel xi approach lit-tfajliet?", it-twegiba tax-xhud kienet "Obvjament" u zied jaghti ezempju, u dan waqt il-hin tax-xoghol. L-istess Manager spicca biex jghid li l-izball fundamentali ta' l-appellant kien li "ghazel sengha li ma kienitx kompattibbli mall-karattru tieghu."

AWARD

Fid-dawl ta' dawn il-fatti u l-aspetti kollha tal-kaz, it-Tribunal ma jistghax isib favur l-appellant u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

G.A. CRAIG
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

Data: 8 ta' Awissu, 1983

ja